# *Mikiel Cachia u l-Ġnien tal-Kmandant*

**Kitba tal-Perit Ruben Abela**



## Min kien Mikiel Cachia?

Mikiel Cachia huwa iben Gio Maria u Caterina nee' Abela, u twieled fiż-Żejtun fit-30 ta' Settembru 1760. Huwa jagħmel parti minn dik li Dr Giovanni Bonello LL.D., fl-artiklu tiegħu f'The Sunday Times tal-10 u tas-17 ta' Diċembru 1995, isejjaħ id-"Dinastija tal-Arkitetti Cachia". Il-buznannu ta' Mikiel Cachia kien l-arkitett Salvadore Cachia Abela. Iz-ziju u l-kuġin ta' missier Mikiel kienu wkoll żewġ arkitetti, Gio Domenico Cachia u Antonio Cachia rispettivament "Attributions to Lorenzo Gafa' and the Cachias" by Giovanni Bonello, LL.D.. The Sunday Times, December 17, 1995. p.55. Il-familja ta' Antonio Cachia baqgħet twasslilna arkitetti u artisti oħra saħansitra sa żminijietna.

"F'April ta' l-1784, Mikiel Cachia talab lill-Gran Mastru De Rohan biex jinħatar wieħed mit-tnax il-perit tal-Ordni ta' San Ġwann, dan wara li miet Maestro Maruzzo Schembri." AOM. 1195. p.41. F'Awissu ta' l-1787, Cachia talab biex jieqaf minn xogħlu f'Malta biex ikompli l-istudji tiegħu fl-arkitettura ġewwa Ruma u Napli. ibid. p.249

Mikiel Cachia kien strumentali waqt l-okkupazzjoni Franċiża, b'mod speċjali waqt l-imblokk. Mhux biss bħala arkitett iżda ukoll bħala politiku u patrijotta. Waqt l-okkupazzjoni tal-Franċiżi, Mikiel Cachia kien responsabbli tista' tgħid għall-bini tal-batteriji kollha li kellhom il-Maltin kontra l-Franċiżi. L-Istorja taz-Zejtun u Marsaxlokk. E.B. Vella, 1927. p, 132. Bħala rikonoxximent għal dan ix-xogħol, il-Kmandant Ingliż, Alexander Ball, fil-31 ta' Lulju 1799 ħatru bħala "Kapu Mastru ta' l-opra kollha, bid-drittijiet u bis-salarji li għandu miegħu dan l-impjieg." ibid. p.133

Bħala politiku u patrijotta, Mikiel Cachia kien mexxa liż-Żwieten kontra l-armata Franċiża; kien ukoll ħadem bil-kbir biex jinġieb il-qamħ minn Sqallija waqt l-istess imblokk, biex iż-Żwieten u l-kumplament tal-Maltin ma jbatux il-ġuħ. Meta l-Ingliżi waqqfu Kungress u talbu rapprezentanza tal-Maltin minn numru ta' bliet u rħula, Mikiel Cachia ntgħażel miż-Żwieten biex jidher għalihom, hekk kif għamel għall-ewwel darba fit-18 ta' Frar 1799. ibid. p. 134 Wara l-assedju, Cachia ġie onorat mill-Gvernatur Ball, b'midalja tad-deheb, u ħatruh ukoll Kapu Mastru tal-'beni rustici'. Bħala politiku, Cachia kien ukoll wieħed minn numru ta' deputati li ġew magħżulin biex imorru Londra u juru lill-gvern Ingliz x'kienet ix-xewqa tal-Maltin. Iżda l-isbaħ ċertifikat li ngħata Cachia kien rapport li l-Kummissarju Ċivili Ingliż, Cameron ta lil Lord Hobart, sewwa sew qabel iż-żjara ta' Cachia f'Londra. "Mikiel Cachia, inġinier tal-Militar u taċ-Ċivil, rappreżentant taż-Żejtun. Dan bena l-batteriji kollha matul l-Assedju tal-Belt Valletta u ħareġ il-flus għan-nefqa tal-gwerra. Huwa magħruf tajjeb għall-għerf tiegħu fil-kunsill u huwa l-aktar raġel popolari fil-gżira. Imħabba li huwa raġel hekk sewwa u ta' ħila, hu miġjub tajjeb ħafna u s-sinjur u l-fqir jemmen bih ħafna." Hardman, p.419.

Fl-1800, wara li l-Franċiżi ċedew, l-Ingliżi waqqfu kumitat magħmul minn erba' persuni, Amministratori dei Beni Publici. L-għan ta' dan il-kumitat kien li jsewwi l-propjeta' pubblika u jibni postijiet ġodda, toroq, pontijiet u akwadotti. L-unika bniedem professjonali li kien hemm f'dan il-kumitat kien propju Mikiel Cachia. The Gardens of Alexander Ball. Anne Crosthwatt u Michael Ellul f'Treasure of Malta. Vol IV, Nru.1 Christmas 1997, p.27.

Mikiel Cachia ħalla diversi dokumenti dwar ix-xogħlijiet li għamel, fosthom numru kbir ta' dokumenti li jinstabu f'kollezzjoni privata, kif ukoll manuskritti li jinsabu fl-Arkivji Nazzjonali. F'wieħed minn dawn Cachia jniżżel numru ta' xogħlijiet li kien responsabbli għalihom waqt ħidmietu mal-Gvern. Fost dawn ix-xogħlijiet Cachia jsemmi, "il-fosos u l-imħażen tal-qamħ fil-Floriana; il-pjazza jew is-suq fil-Floriana; l-erba' mħażen fix-xatt taħt il-Kapuċċini; il-ħwienet ta' taħt il-Barrakka; it-tiswija tal-Ħabs il-Kbir; il-bqija taż-żewġt idjar ta' Lazzarett; it-tiswija tal-Berġa ta' Provenza; it-tiswija u ż-żjieda tat-Teatru; tiswija u ħafna xogħlijiet fl-imħażen u l-Ħabs fil-Birgu u l-imħazen tal-fosos il-ġodda." MS. 579, Dok. 2.



Iżda wieħed mill-

aqwa xogħlijiet fl-arkitettura ta' Mikiel Cachia, bla dubju ta' xejn huwa l-portiku tal-knisja tal-Providenza fis-Siġġiewi. Din il-knisja kienet inbniet fl-1750, iżda l-portiku ġie miżjud wara fl-1815 – 16. A History of Maltese Architecture. Leonard Mahoney, Veritas Press 1988. p.527.

## Il-Ġnien tal-Kmandant fiż-Żejtun

Barra minn dawn ix-xogħlijiet, huwa magħruf ukoll li Mikiel Cachia fassal u ħa ħsieb ix-xogħol fuq il-bini ta' numru ta' ġonna tal-Luogotenenti li għadna nsibu f'numru ta' rħula f'Malta.fosthom fiż-Żejtun Crosthwatt u Ellul. p.28. Il-ġnien taż-Żejtun jinsab qrib il-Knisja l-Qadima, ta' San Girgor, sewwa sew qabel wieħed jaqbad it-triq lejn Delimara.

It-tqassim ta' dawn il-ġonna, żgur li huwa influwenzat mill-ġonna li Cachia ra ġewwa l-Italja. Kważi l-ġonna kollha għandhom passaġġ dritt biċ-ċangatura bi dritt id-daħla prinċipali, b'passaġġi idjaq isallbu ma' dak ċentrali. Fid-daħla kien hemm kmamar li jservu bħala uffiċini għall-amministratur jew il-ġardinar. F'uħud minnhom, fosthom dak taż-Żejtun, id-daħla prinċipali hija mżejna bi skultura fil-ġebel, sewwa sew fuq il-bieb prinċipali. Din l-iskultura turi l-arma tar-Re Ġorg III bħala medalja ċentrali bl-inizjali G R u l-kuruna rjali fuqha u l-kliem "Honi soit qui mal y pense", il-motto tal-Ordni ta' Garter, fil-ġnub hemm żewġ standardi u taħthom kanun. Taħt din l-arma hemm irħama bi skrizzjoni li tgħid li dan il-ġnien sar minn Sir Alexander Ball f'isem ir-Re Ġorg III tal-Gran Brittanja għat-tgawdija perpetwa ta' l-amministraturi tal-Casal. F'rapport finanzjarju għall-perjodu ta' Lulju 1804 u Lulju 1805, hemm imniżżla l-ispejjez tax-xogħol tal-bennejja, tal-ġebel u materjal ieħor tal-bini, kif ukoll tax-xiri u taħwil tas-siġar li saru f'dawn il-ġonna. Dak taż-Żejtun ġie jiswa 40,517 il-skud. ibid. p.29. B'hekk huwa fatt magħruf li s-sena d-dieħla dan il-ġnien jagħlaq mitejn sena.

L-għamla tal-ġnien taż-Żejtun, illum imsemmi bħala Ġnien Luqa Briffa hija kważi rettangulari. Huwa mdawwar b'ħitan għoljin, iżda fejn jiltaqgħu ż-żewġ ħitan li jħarsu lejn il-Bic u lejn il-Majistral, tifforma d-daħla tal-ġnien. Id-daħla tal-ġnien hija għolja 23 filata, u togħla għal-26 filata fuq in-naħa tat-Tramuntana fejn insibu kamra u barumbara. Dawn ta' l-aħħar kienu żidiet aktar riċenti fuq il-bini oriġinali ta' Cachia. L-arkitettura tal-faċċata hija sempliċi, b'bieb ċentrali, f'għamla ta' arkata, imqabbeż 'il barra mill-kumplament tal-faċċata u nkurunata b'arma kbira maħduma fil-ġebel. It-truf tal-faċċata huma artikulati b'pilastri doppji. Mal-ħmistax il-filata, il-faċċata tirtira lura. Meta nidħlu ġewwa, fuq kull naħa tal-entrata, li hija msaqqfa bit-troll, hemm kamra. Taħt waħda minn dawn il-kmamar hemm ukoll kantina b'aċċess mill-livel tal-ġnien. Biex tiġi għall-livel tal-ġnien trid tinżel tmien tarġiet. Hekk kif tinżel it-tarag, fuq in-naħa tax-xellug hemm ħawt u ħerża.




Dan il-ġnien bħalissa għaddej minn proċess ta' restawr b'ħidmet il-Kunsill Lokali taż-Żejtun u bil-għajnuna tat-Taqsima tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura. L-għan ta' dan il-proġett huwa li dan il-wirt jgħaddi għal għand iż-Żwieten ta' warajna f'kundizzjoni aħjar milli sibnieh aħna bħala tifkira ħajja tal-patrijott u arkitett Żejtuni Mikiel Cachia.

*Attributions to Lorenzo Gafa' and the Cachias.* By Giovanni Bonello, LL.D.. The Sunday Times, December 17, 1995. p.55.

AOM. 1195. p.41.

*ibid.* p.249

*L-Istorja taz-Zejtun u Marsaxlokk.* E.B. Vella, 1927. p, 132.

*ibid.* p.133

*ibid.* p. 134

Hardman, p.419.

*The Gardens of Alexander Ball.* Anne Crosthwatt u Michael Ellul f'*Treasure of Malta.* Vol IV, Nru.1 Christmas 1997, p.27.

MS. 579, Dok. 2.

*A History of Maltese Architecture.* Leonard Mahoney, Veritas Press 1988. p.527.

Crosthwatt u Ellul. p.28.

*ibid.* p.29.

**Perit Ruben Abela**